MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 473/2008

**A B**

**-vs-**

**Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Veronica Rossignaud, b'digriet moghti mill-Qorti fis-16 ta' Dicembru 2008, gew nominati bhala Kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha (2004), kif jirrizulta minn certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dokument A;

Illi l-partijiet ma ghandhomx ulied;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tar-rikorrenti ghal dan iz-zwieg inkiseb bi vjolenza, sew fizika, sew morali jew biza';

Illi l-kunsens tar-rikorrenti ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq;

Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet huwa null ghall-effetti kollha tal-ligi;

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha (2004), huwa null u minghajr effett fil-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati fejn dawn eccepew:

Illi f'dan l-istadju, l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rapprezentat. F'dan ir-rigward, minn issa jitolbu lir-rikorrenti sabiex tipprovdilhom kull indirizz u/jew numru tat-telephone tal-assenti sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw mieghu.

Rat id-dokumenti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi jirrizulta mill-provi illi z-zwieg bejn il-partijiet kien kaz pjetuz, fejn tfajla ta' eta' zghira b'hafna problemi

inkluz xorb, ribelljoni u dipressjoni tizzewweg barrani ta' malajr biex tipprova tahrab.

Hi stess tghid hekk:

"*Nghid illi fis-sena 2004, meta kelli 22 sena, jiena ltqajt mal-konvenut. Dik is-sena kienet sena mimlija problemi. Nghid illi kelli hafna problemi mal-familja u specifikament ma' missieri, ma konna naqblu f'xejn u hu kien jippretendi illi ghandu jindahalli f'hajti. Kien jindahal fi x'hin nohrog u nidhol id-dar u fejn immur. Jiena kont nirribella ghal dan kollu u kien ikollna ta' spiss kwistjonijiet. Kont inhossni depressed hafna dak iz-zmien u kont nixrob halli nipprova nderri u ninsa l-problemi u l-glied li kelli d-dar. Kont inhoss illi ridt nitlaq mid-dar, izda ma kellix mezzi sabiex naghmel dan. Meta ltqajt mal-konvenut, hassejt illi l-unika soluzzjoni kienet li nizzewweg halli nitlaq mid-dar u nkun libera mill-hakma ta' missieri.*

*Kont iltqajt ma' C id-dar taz-ziju* ommissis (isem u kunjom) *fejn kien qieghed jaghmel xi xoghol u bdejna niltaqghu u nohorgu flimkien. Wara ftit taz-zmien izzewwigtu minghajr ma ghidt lil missieri, lil ommi u lil ohti. Dan kien fit-23 ta' Gunju 2004. Malli zzewwigt indunajt li ma konna xejn kompatibbli, anzi ma konniex nafu xejn lil xulxin u kont ghamilt zball kbir. Iz-zwieg taghna dam ftit xhur sakemm tlaqtu u llum ma nafx x'sar minnu.*"

Missierha jikkonferma dan kollu:

"*Nghid illi jiena nigi missier l-attrici.*

*Fis-sena 2004, meta l-attrici kienet ghad ghandha biss 22 sena, kienet iltaqghet mal-konvenut. Niftakar illi dik is-sena, it-tifla kellha sena mimlija problemi mieghi ghax kienet tghid illi jiena kont nindahal f'hajjitha kontinwament.*

*Nikkonferma li jiena genitur sever u kont nindahal f'dak illi binti kienet taghmel u cioe' fi x'hin kienet tidhol jew tohrog.*

*Nghid illi kien ikollna hafna kwistjonijiet kontinwament peress illi l-attrici kienet tirribella hafna kontra tieghi u kienet tohrog iktar u tittardja.*

*Nahseb illi anke kellha l-problema tax-xorb u kienet tohrog bil-lejl u tidhol filghodu minn lejl barra. Kien perjodu difficli hafna u nista' nikkonferma li llum inhoss li l-attrici kienet qed tbati minn xi forma ta' dipressjoni.*

*Nghid illi ad insaputa tieghi u ta' ommha u ohtha A bdiet tiltaqa' mal-konvenut u wara ftit ta' zmien izzewget. Hija ghamlet dan minghajr ma qalet lil hadd. Zammet dan il-fatt sigriet u zzewget peress illi hasbet li jekk tiehu l-istat taghha setghet titlaq mid-dar u jien ma kontx inkun nista' nindahlilha aktar.*

*Wara ftit hija rrealizzat illi dan iz-zwieg kien zball u fil-fatt il-partijiet isseparaw wara ftit.*

*Illum gejt konxju li l-mod li kont qed nimxi mal-attrici kien zbaljat u li l-izball li ghamlet inhoss li ghandi parti mit-tort jien peress illi ghall-gid ta' binti kont sever wisq.*

*Nahseb illi l-attrici, minhabba il-problemi li kienet ghaddejja minnhom id-dar, ma kinitx f'pozizzjoni li tiehu decizjonijiet bhal dawn u ghalhekk zbaljat.*"

Ohtha u habibtha huma tal-istess fehma.

F'materja ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, dawn il-Qrati dejjem irritenew hekk:

"*It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity deliberate with sufficient weighing of the*

*motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within.”* (“**Janet Portelli vs Victor Portelli**”, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-14 ta’ Awissu, 1995).

“*Ikun hemm id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fis-sens ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b’mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta’ kritika – estimativa jew kritika – valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta’ diskrezzjoni, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta’ riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju.*” (“**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri”,** deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fl-10 ta’ Novembru, 1995).

Din il-Qorti tinsab konvinta illi fil-mument taz-zwieg taghha, ir-rikorrenti ma kinitx tgawdi mill-fakulta’ ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fil-livell essenzjali ghall-ghotja ta’ kunsens validu kif tesigi l-ligi.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-23 ta’ Gunju 2004, huwa null u bla effett.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------